legali tiegħu. Dan huwa l-każ fir-rigward tal-ordni li tiġi pprovduta informazzjoni minħabba li jekk id-destinatarju ma jikkonformax ruħu magħha huwa jkun qiegħed jesponi ruħu għal sanzjonijiet. Dawn is-sanzjonijiet huma, minn naħa, il-fatt li l-Istat Membru ma jkunx jista' jinvoka n-natura inkompleta tal-fatti u li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta deċiżjoni fuq il-bażi tal-istat li jkun jinsab fih il-fajl. Min-naħa l-oħra, dan jimplika tnaqqis fl-oneru ta' prova meħtieġ sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tassumi li l-fatti allegati minnha huma stabbiliti. Dan jiffavorixxi s-sitwazzjoni proċedurali tal-Kummissjoni u, għalhekk, jisfavorixxi s-sitwazzjoni tal-Istat Membru inkwistjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. L-ordni li tiġi pprovduta informazzjoni tqiegħed lill-appellanti f'pożizzjoni fejn ikollha tagħżel bejn jew li tikser l-obbligi tagħha, u b'hekk ma tkunx tista' tinvoka n-natura inkompleta tal-fatti u jitnaqqas l-oneru ta' prova meħtieġ min-naħa tal-Kummissjoni, jew li, sabiex tipproteġi d-drittijiet tad-difiża tagħha, hija effettivament ikollha tipprovdi l-kwantità sproporzjonata ta' informazzjoni mitluba. Min-naħa tiegħu dan jimplika, minbarra l-iżvantaġġ legali mġarrab, investiment straordinarju f'termini ta' ħin u ta' flus li ma jkunx ikkumpensat. B'mod ġenerali, l-ordni li tiġi pprovduta informazzjoni jista' jkollha effetti legali anki għall-Istat Membru inkwistjoni sa fejn, jekk ma jikkonformax ruħu ma' din l-ordni, dan l-Istat Membru jista' jkun suġġett għal rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 258 TFUE u, eventwalment, għal proċedura għall-impożizzjoni ta' multa taħt l-Artikolu 260 TFUE.

Ir-raba' nett, id-digriet tal-Qorti Ġenerali jippreġudika l-prinċipju tal-istat tad-dritt u tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva minħabba li l-Qorti Ġenerali tikkunsidra li l-uniku rimedju sabiex wieħed jipproteġi ruħu minn ordni li tiġi pprovduta informazzjoni li tkun ta' natura eċċessiva huwa li ma jikkonformax ruħu magħha. Madankollu, tali rimedju ma huwiex raġonevoli u jikser il-prinċipji msemmija. Il-protezzjoni ġudizzjarja kontra l-ordnijiet illegali li tiġi pprovduta informazzjoni ma tistax tiddependi mill-fatt li l-Istat Membru ma jikkonformax ruħu mal-imsemmija ordnijiet. Il-possibbiltà ta' rikors kontra l-ordni li tiġi pprovduta informazzjoni hija l-uniku rimedju sabiex l-obbligu ta' lealtà tal-Istat Membru ma jkunx suġġett għal setgħa diskrezzjonali illimitata tal-Kummissjoni u tippermetti wkoll lill-Kummissjoni, min-naħa tagħha, tosserva l-obbligu ta' kooperazzjoni leali tagħha mal-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball fl-evalwazzjoni tal-kompetenzi fil-kawżi dwar għajnuna mill-Istat meta ddeċidiet li l-protezzjoni kontra l-ordnijiet li tiġi pprovduta informazzjoni li jkunu ta' natura eċċessiva hija, għall-Istati Membri, li jirrifjutaw li jipprovdu l-informazzjoni li fil-fehma tagħha ma tkunx neċessarja sabiex jiġu stabbiliti l-fatti. Dan jimplika trasferiment tal-obbligu li jiġu stabbiliti l-fatti u tal-obbligu li jiġi ddeterminat is-suġġett tal-proċedura fuq l-Istati Membri, trasferiment li huwa kuntrarju għat-tqassim tal-kompetenzi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Dan it-trasferiment ta' kompetenza li tirreferi għalih il-Qorti Ġenerali jippreġudika s-sistema ta' kompetenzi prevista fl-Artikolu 107 TFUE u 108 TFUE, b'tali mod li r-riskju ta' żball ta' evalwazzjoni jgħaddi fuq l-Istati Membri u, għalhekk, il-Kummissjoni tinħeles mill-obbligu ta' investigazzjoni materjali fid-dettall fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Unabhängigen Verwaltungssenat des Landes Vorarlberg (l-Awstrija) fl-1 ta' Ottubru 2010 — projektart Errichtungsgesellschaft mbH, Eva Maria Pepic u Herbert Hilbe vs Grundverkehrs-Landeskommission Vorarlberg**

**(Kawża C-476/10)**

(2010/C 328/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Unabhängiger Verwaltungssenat des Landes Vorarlberg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* projektart Errichtungsgesellschaft mbH, Eva Maria Pepic und Herbert Hilbe.

*Konvenuta:* Grundverkehrs-Landeskommission Vorarlberg.

**Domandi preliminari**

(1) Id-dispożizzjoni li tinsab fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1988, għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat ([1]), u li tipprovdi li leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti li tirregola xiri ta' residenzi sekondarji tista' tithalla fis-seħħ, għandha tibqa' tapplika għax-xiri ta' residenzi sekondarji li jinsabu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea minn ċittadin tal-Prinċipat tal-Liechtenstein, li jagħmel parti miż-Żona Ekonomika Ewropea?

(2) Leġiżlazzjoni nazzjonali li, fid-dawl tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1988, tipprojbixxi lil ċittadin tal-Prinċipat tal-Liechtenstein milli jixtri residenza sekondarja li tinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE dwar il-moviment liberu tal-kapital, b'tali mod li awtorità nazzjonali għandha tinjora tali leġiżlazzjoni nazzjonali?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 10.

---

**Appell ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2010 mill-Kummissjoni Ewropea kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Lulju 2010 fil-Kawża T-111/07, Agrofert Holding a.s. vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-477/10 P)**

(2010/C 328/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Smulders, P. Costa de Oliveira, V. Bottka, aġenti)

*Appellati:* Agrofert Holding a.s., Ir-Renju tal-Isvezja, Ir-Repubblika tal-Finlandja, Ir-Renju tad-Danimarka, Polski Koncern Naftowy Orlen SA

**Talbiet tal-appellanti**

— tirrevoka s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Lulju 2010 fil-Kawża T-111/07, Agrofert Holding a.s. vs Il-Kummissjoni;

— tagħti deċiżjoni finali dwar il-kwistjonijiet imqajma f'dan l-appell; u

— tordna lir-rikorrenti fil-Kawża T-111/07 tħallas l-ispejjeż tal-Kummissjoni marbuta ma' dik il-kawża u ma' dan l-appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Dan l-appell jikkonċerna l-interpretazzjoni tal-eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti marbuta (i) mal-protezzjoni tal-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki (iktar 'il quddiem "l-eċċezzjoni tal-investigazzjonijiet"), (ii) mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika (iktar 'il quddiem "l-eċċezzjoni tal-interessi kummerċjali"), (iii) mal-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (iktar 'il quddiem "l-eċċezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet") u, (iv) mal-protezzjoni tal-pariri legali (iktar 'il quddiem "l-eċċezzjoni tal-pariri legali"). Dawn huma stabbiliti, rispettivament, fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2), fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) u fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [1] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1049/2001").

B'mod iktar preċiż, dan l-appell ikopri l-applikazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet għad-dokumenti f'fajl tal-Kummissjoni dwar proċedura ta' kontroll ta' konċentrazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 139/2004").

Il-Kummissjoni tqis li fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-interpretazzjoni tagħha tal-eċċezzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq meta naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-aspetti speċifiċi tal-proċeduri tad-dritt tal-kompetizzjoni u tal-garanziji mogħtija mir-Regolament Nru 139/2004 lill-impriżi li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-proċeduri ta' konċentrazzjoni. B'mod partikolari, fis-sentenza tagħha l-Qorti Ġenerali ma pprovatx tistabbilixxi bilanċ ġenwin u armonjuż bejn iż-żewġ kuntesti legali applikabbli għal dan il-każ. Minflok, hija interpretat b'mod żbaljat ir-regoli dwar l-aċċess għal dokumenti u, għalhekk, għamlet inapplikabbli r-regoli dwar il-konċentrazzjonijiet.

L-ewwel kwistjoni mressqa għall-kunsiderazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tikkonċerna l-portata tal-obbligu tas-sigriet professjonali, kif stabbilit fir-Regolament Nru 139/2004 u fl-Artikolu 339 TFUE, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-eċċezzjonijiet għad-dritt għal aċċess, b'mod partikolari l-eċċezzjonijiet tal-investigazzjonijiet u tal-interessi kummerċjali.

It-tieni kwistjoni mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonċerna l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li f'dan il-każ ma kien hemm ebda ċirkustanzi partikolari li kellhom iwasslu għar-rifjut ta' aċċess għal dokumenti, mingħajr ma kien meħtieġ li l-Kummissjoni teżamina, b'mod konkret u individwali, kull dokument mitlub u li tipprovdi motivazzjoni dettaljata għar-rifjut firrigward tal-kontenut ta' kull dokument mitlub.

It-tielet kwistjoni tikkonċerna l-interpretazzjoni restrittiva tal-eċċezzjoni tal-investigazzjonijiet fis-sens li din l-eċċezzjoni ma tistax tapplika wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ttemm il-proċedura amministrattiva tal-kontroll ta' konċentrazzjoni.

Ir-raba' kwistjoni mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonċerna l-portata tal-obbligu li tingħata motivazzjoni bil-għan li jintwera r-riskju ta' żvelar b'mod partikolari għall-protezzjoni tal-interessi kummerċjali, tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tal-pariri legali.

Fl-aħħar nett, il-ħames kwistjoni mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonċerna l-interpretazzjoni tar-regoli dwar aċċess parzjali. Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni hija li, sabiex tkun tista' twettaq b'mod effettiv l-investigazzjonijiet tagħha dwar konċentrazzjonijiet, hija għandha tikkonforma ruħha mal-obbligi imposti fuqha mir-Regolament Nru 139/2004, b'mod partikolari dawk marbuta mas-sigriet professjonali, irrispettivament mill-fatt li d-deċiżjoni tagħha tkun saret definittiva. Barra minn hekk, meta r-regoli proċedurali li jirregolaw qasam ta' attività partikolari, kif interpretati mill-ġurisprudenza, jagħtu protezzjoni lil ċerti dokumenti, bħad-dokumenti interni tal-Kummissjoni, għandu jiġi rikonoxxut li tali dokumenti jibbenfikaw minn preżunzjoni ġenerali li mhumiex aċċessibbli taħt ir-Regolament Nru 1049/2001. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tixhet dubji fuq il-portata tal-kapaċità tal-Kummissjoni li twettaq l-investigazzjonijiet tagħha f'dan il-qasam kif ukoll fuq id-drittijiet tal-partijiet li jkunu ssottomettewlha dokumenti u dan l-appell huwa intiż sabiex jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara l-approċċ korrett.

Il-Kummissjoni għalhekk qiegħda tippreżenta dan l-appell sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet fundamentali mqajma mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali u sabiex tkun tista' tistabbilixxi interpretazzjoni koerenti u armonjuża taż-żewġ atti legali kkonċernati.

---

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331.

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).